# Il-Pittura tas-Saqaf

**minn Patri Ġużepp Vella OFM**

Fl-1930 beda jinbidel is-saqaf tal-knisja tagħna. Minn saqaf bit-travi u x-xorok beda jsir forma ta' arkati. Dan kien meħtieġ biex ikun jista' jiflaħ it-toqol tal-koppla. Waqt dan ix-xogħol ġie deċiż li l-knisja kellha titkabbar minn quddiem. Il-moħħ wara din il-bidla strutturali fil-knisja tagħna kien ir-Rev. P. Innoċenz Abram O.F.M.. Huwa kien il-Gwardjan f'dawk iż-żminijiet. Il-ħolma tiegħu kienet li jekk xi darba kellha ssir il-pittura fis-saqaf tal-knisja kien jixraq li, fil-kwadri prinċipali, jitpittru s-Seba' Misteri tal-Kuruna Franġiskana. Bħala Patrijiet Franġiskani għandna d-drawwa li minflok ir-Rużarju tradizzjonali, ta' kuljum, ngħidu l-Kuruna Franġiskana li tikkonsisti fis-Seba' Ferħat tal-Madonna. Dan il-proġett ta' P. Innoċenz kien jixraq għall-knisja tagħna kemm bħala Wlied Franġisku u kemm għax il-knisja tagħna hija ddedikata lill-Madonna. Jiena smajt Patrijiet anzjani li P. Innoċenz kien jinsisti mal-Patrijiet sħabu (speċjalment ma' dawk ta' età żgħira) li jekk xi darba ssir il-pittura fis-saqaf hemm lesti s-seba' kwadri għas-seba' ferħat tal-Kuruna Franġiskana. Wara tant snin, fl-1969, bdiet titwettaq ix-xewqa ta' P.Innoċenz meta l-artist Pawlu Camilleri Cauchi beda x-xogħol ta' din il-pittura.

Qabel ngħaddi biex ngħid xi ħaġa dwar kull pittura li hemm fis-saqaf, jixraq li nagħtu kas tal-pittura ta' l-abside li hemm ħdejn l-orgni. Din il-pittura tirrappreżenta t-tieġ ta' Kana. Kien hawn li Ġesù għamel l-ewwel miraklu għat-talba ta' Ommu Marija. Din il-ġrajja turina lill-Madonna bħala medjatriċi. Hija ġietha ħniena u qabżet għall-għarajjes għax naqashom l-inbid. Kif nafu Ġesù obda għat-talba ta' Ommu. Din il-ġrajja kienet il-Vanġelu tal-Quddiesa fil-festa titulari tagħna ta' qabel il-Konċilju Vatikan II. F' dan il-miraklu tidher is-setgħa ta' Marija, bħala bniedem, fuq il-qalb ta' binha Ġesù.

Fl-ewwel arkata, fil-kwadru prinċipali, naraw l-ewwel misteru tal-ferħ. L-artist Pawlu Camilleri Cauchi kellu sfida qawwija, għax is-suġġetti magħżula, kollha ġew impittra mill-aqwa artisti tad-dinja. Għalhekk huwa diffiċli ħafna biex wieħed ikun oriġinali għall-aħħar. Ma' danakollu, Pawlu, f'dan l-ewwel kwadru tana xena li tidher li ħarġet l-aħjar waħda fost is-suġġetti kollha. L-Arkanġlu Gabriel jidher għarkobbtejh jagħti qima lil Marija waqt li fl-istess ħin qiegħed iwasslilha l-aħbar li kellha ssir Omm Alla. Permezz ta' raġġ ta' dawl li nieżel mill-Ispirtu s-Santu (taħt forma ta' ħamiema) jidher il-bidu ta' l-Inkarnazzjoni f'Marija. Din il-pittura prinċipali hija mdawra minn erba' Anġli b'simboli f'idejhom. Wieħed għandu salib f'idejh għax Ġesù ġie biex jifdina; ieħor bi sfera regali għax Ġesu tnissel mis-sultan David; ieħor iżomm l-isem ta' Ġesù u l-ieħor għandu qalb li tfisser l-imħabba ta' Alla għalina. Fuq it-twieqi hemm impittra l-Ġenituri tal-Madonna, San Ġwakkin u Sant'Anna.

Fit-tieni arkata għandna t-tieni misteru tal-ferħ. Il-pittura turina lill-Madonna se tgħannaq lill-kuġina tagħha Santa Eliżabetta. Żewġha Żakkarija jħares imbikkem. Wieħed mill-Anġli għandu l-kitba bl-isem ta' Ġwanni; ieħor bi tromba li tfisser leħen il-Battista; ieħor b'Arzella tnixxi l-ilma għax Ġwanni kien jgħammed; u l-Anġlu l-ieħor iżomm platt b'ras San Ġwann Battista. Fil-mitri tat-twieqi naraw lill-Profeta Isaia, li ħabbar ħafna fuq il-Messija, u lil Sarah li hi wkoll welldet fi xjuħitha lil Iżakk.

It-tielet ferħ huwa t-twelid ta' Ġesù fil-għar ta' Betlemm. Hawn naraw lill-Madonna qiegħda turi lil binha Ġesù lil wieħed ragħaj flimkien ma' tifel ċkejken. San Ġużepp jidher miblugħ bil-misteru li kien għadu kemm seħħ. L-erba' anġli li hemm madwar il-kwadru għandhom xi simbolu. Wieħed narawh iżomm qoffa ħobż. (Betlehem tfisser belt il-ħobż); ieħor għandu ħaruf li jfisser li Ġesù huwa l-ħaruf ta' Alla; anġlu ieħor juri l-kelmiet "Glorja 'l Alla fil-għoli. eċċ.; l-aħħar anġlu qed iżomm għasluġ biex jurina li Ġesù huwa r-ragħaj it-tajjeb. Fuq it-twieqi mbagħad naraw lil Ruth li minnha tnissel David, u fuq it-tieqa l-oħra naraw lil David li min-nisel tiegħu twieled Kristu.

Fir-raba' arkata tal-korsija hemm ir-raba' ferħ tal-Madonna. Il-pittura turina l-adorazzjoni tas-slaten Maġi. Hawn Ġesù, tarbija mdaqqsa, jidher fuq ħoġor Marija. Il-pittur għoġbu jagħmel erba' Slaten jew Maġi jaduraw u joffru r-rigali lil Ġesù. Fl-irkejjen tal-kwadru hemm l-erba' anġli bis-simboli. Wieħed għandu l-kewkba li wasslet lill-Maġi; anġlu ieħor għandu kuruna biex ifakkar li lil Ġesù qisuh bħala sultan; it-tielet anġlu għandu tarbija mejta u l-ieħor għandu xabla tqattar id-demm biex it-tnejn ifakkruna fil-qtil ta' l-Innoċenti. Fuq it-twieqi, fuq naħa naraw lill-Profeta Xmun u l-Profetessa Anna.

Il-ħames ferħ qiegħed fil-kwadru prinċipali fil-kappellun ta' San Lawrenz. Din il-pittura turina l-misteru ta' meta Marija u Ġużeppi sabu lil binhom Ġesù fit-tempju wara tlett ijiem ta' tfittxija. Hawn Ġesù jidher tfajjel se jqum minn bilqiegħda biex jitlaq jiġri fi ħdan il-Madonna. Peress li din il-ġrajja seħħet fit-tempju l-anġli għandhom simboli dwar it-tempju u l-liġi. Għalhekk wieħed għandu l-Arka tal-Patt; ieħor f'idejh iżomm ir-romblu tal-Kotba Mqaddsa; ieħor biċ-ċensier u l-ieħor bil-kandelabru tas-seba' friegħi. Fil-mitri tat-twieqi fuq waħda naraw lil Mosè li ta l-Liġi lill-poplu ta' Alla, u n-naħa tidher ir-reġina Ester simbolu tal-poter.

Is-sitt ferħ jinsab impitter fil-kappellun ta' San Ġużepp. Il-kwadru prinċipali jurina d-dehra ta' Ġesù lil Ommu Marija wara li qam mill-mewt. Din il-ġrajja ma nsibuhiex fil-Kotba Mqaddsa. Imma hija tradizzjoni qawwija li ma setax ma jurix ruħu lil Ommu l-għażiża. L-artist jurina lill-Madonna bilqiegħda mistagħġba tħares lejn binha Ġesù safi minn kull ġerħa li kellu fuq is-salib. Bħall-kwadri l-oħra, erba' anġli jdawru l-kwadru prinċipali. Wieħed għandu l-kuruna tax-xewk u l-kitba ta' fuq is-salib (I.N.R.I.); ieħor bil-vażett ta' l-ingwent li bih dilku l-ġisem ta' Ġesù; anġlu ieħor iżomm

liżar bix-xbiha ta' Ġesù; u l-aħħar anġlu bil-bandiera ta' Kristu Rxoxt. Fit-twieqi għandna lill-Profeta Ġeremija, li ħabbar ħafna fuq il-passjoni tal-Messija u lil Marija Maddalena li kienet l-ewwel li rat lil Ġesù mqajjem mill-mewt.

Ħdejn l-abside tal-kor naraw is-seba' ferħ tal-kuruna Franġiskana. Huwa t-tlugħ fis-sema ta' Marija, bir-ruħ u l-ġisem, u l-inkoronazzjoni tagħħa mis-Ssma Trinità. Dan il-kwadru huwa tond. Għalhekk l-erba' anġli, mingħajr simboli, jidhru jittajru jżommu l-kwadru. Fil-mitri hemm impittra San Ġużepp ir-raġel ta' Marija u lil Ġwann Battista. Żewġ qaddisin kbar fil-missjoni u fil-qdusija tagħhom.

Tajna ħarsa ħafifa lejn il-pittura tas-seba' ferħat tal-Madonna li jżejnu is-saqaf tal-knisja parrokkjali tagħna. Ix-xbihat qaddisa jgħinuna biex nerfgħu aħjar il-moħħ tagħna lejn Alla. Għalhekk il-pittura dekorattiva, fil-knejjes tagħna huma ta' għajnuna biex nidħlu fil-qalba tat-twemmin tagħna. Fuq kollox kull arti, speċjalment dik sagra, tkanta glorja ta' Alla.

Il-pittura tas-saqaf fil-korsija tal-knisja hija xogħol artistiku tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi. Dawn ġew inawgurati f'dawn is-snin:

L-abside ta' ħdejn l-Orgni giet inawgurata fis-16 ta'April 1979.

| | | |
|---|---|---|
| L-ewwel | Ferħ inawgurat | fil-25-ta' Gunju 1977. |
| It-tieni | Ferħ inawgurat | fis-26 ta' Ġunju 1976. |
| It-tielet | Ferħ inawgurat | fit-28 ta' Ġunju 1975. |
| Ir-raba' | Ferħ inawgurat | fit-13 ta' Ġunju 1974. |
| Il-ħames | Ferħ inawgurat | fid-9 ta' Lulju 1973. |
| Is-sitt | Ferħ inawgurat | fil-25 ta' Ġunju 1972. |
| Is-seba' | Ferħ inawgurat | 27 ta' April 1971. |

L-erba' lunetti ta' taħt il-koppla ġew inawgurati fit-13 ta' Novembru 1970.

Il-Koppla ġiet inawgurata fis-27 ta' Ġunju 1970.


PARAMOUNT GARAGES



Malta's Largest Bus Hire Fleet including Mini Buses
& Chauffeur driven cars. General Hire Service

257, Constitution Street, Mosta
Tel: 2144 3296, 2141 0220, 2141 1193 • Fax: 2141 2187

Dive Systems

PADI Dive Centre
BSAC School

AQUAMARINA SPORTS

48, Gżira Road, Gżira
Tel: 2131 7137 • Fax: 2134 2040